# MILL-ĠDID FIL-KUNSILL TAL-GĦAQDA KAŻINI TAL-BANED!

Il-Malta Band Clubs' Association twaqqfet f'Settembru 1947 mill-Kavallier Mikielanġ Delia. L-ewwel laqgħa saret fis-16 ta' Settembru 1947, fil-każin tas-Soċjetà Filarmonika San Giuseppe tal-Ħamrun. Din il-Għaqda kellha bħala skop prinċipali l-iżvilupp tal-kultura mużikali fi ħdan id-diversi baned imferrxa ma' Malta u Għawdex.

Il-Banda Lily kienet minn ta' l-ewwel li impenjat ruħha fi ħdan din l-assoċjazzjoni. Fl-1949 Mikiel Barbara "ta' Żagrag" inħatar bħala wieħed mill-membri fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni tal-Baned Maltin. Fir-rapport annwali ta' din l-Assoċjazzjoni għas-snin 1950-51 insibu ringrazzjament għal donazzjoni ta' Lm5 mill-każin tal-Ġilju filwaqt li meta sar l-istandard ta' l-Assoċjazzjoni fl-1954, l-aċċessorji tal-fidda rregalahom is-Sur Mike Barbara f'isem il-każin tal-Ġilju.

Kien ferm ta' unur għalina meta din is-sena, kważi ħamsin sena wara, il-Kumitat tal-Ġilju reġa' kien onorat billi ħatar rappreżentanza f'dan il-Kunsill. Illum l-għaqda ġġib l-isem 'Għaqda Każini tal-Baned Maltin u Għawdxin'. Fl-elezzjoni li saret fi Frar li għadda s-Sur Joe Abdilla, Assistent Segretarju u bandist attiv fi ħdan il-każin tagħna ġie elett bħala wieħed mill-membri tal-Kunsill. Prosit tassew lis-Sur Abdilla.

Dan is-sodisfazzjon kompla jikber meta fl-istess Kunsill ġie elett ukoll is-Sur Joseph Debono f'votazzjoni li saret għal rappreżentanza żagħżugħa. B'hekk is-Soċjetà saret l-uniku każin li għandu żewġ rappreżentanti f'din l-għaqda importanti. Aktar tard Joseph inħatar ukoll bħala membru ta' Kummissjoni fi ħdan l-istess Assoċjazzjoni bl-iskop li torganizza l-attivitajiet li jfakkru għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda Każini tal-Baned.

Is-sodisfazzjon tagħna ma hux biss għax qed nipparteċipaw f'oqsma 'l bogħod mir-raħal tagħna, fuq livell nazzjonali. Dan ilna nagħmluh sa mis-snin ħamsin. Is-sodisfazzjon joħroġ għaliex dawn il-ħatriet huma l-formalizzazzjoni tar-rispett li jinħass minn kulħadd lejn is-Soċjetà tagħna. Dan ir-rispett żgur li kompla jiżdied wara s-sena attivitajiet li għamilna fl-1995.



*Il-Kunsill tal-Malta Band Clubs' Association 1949-50. Joe Galea, C. Cutajar, E. Borg, A. Azzopardi, **M. Barbara,** G. De Raffaelo, G. Gauci (kollha membri), J.Ciappara (Viċi-President), A. E. Scicluna (Segretarju Ġenerali), M. A. Delia (President), C. Dimech (Teżorier), A. M. Micallef (Ass. Teżorier), O. Dalli (Segretarju) u P. Debattista u G. Agius (neqsin mir-ritratt).*